**S6.3.4**
Nifhmu l-kruha tal-gwerra billi nqabblu stampi u ritratti

**Wieġeb.**

1. Taħseb li fi gwerra jeżistu rebbieħa u telliefa? Jew taħseb li fi gwerra bħal ma rrakkonta n-Nannu Mario, hemm telliefa biss? Għaliex taħseb hekk? Agħti xi raġunijiet tiegħek.

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

2. Meta wara li spiċċat il-gwerra, il-pajjiżi ftiehmu li jwaqqfu għaqda sabiex ikun hawn il-Paċi? X'jisimha din l-għaqda internazzjonali?

   ______________________________________________________________

**GĦAQDA U SOLIDARJETÀ JIBNU L-PAĊI VERA**

Imla din il-qalb ta' paċi b'ismijiet ta' pajjiżi differenti biex turi l-għaqda, is-solidarjetà u l-kooperazzjoni flimkien ma' Malta.



**Imla din l-istilla b'Messaġġ Favur il-Paċi**



**DJARJU MOĦBI QALB IT-TIFRIK TAL-GWERRA**

**Immaġina li n-Nannu Mario kiteb djarju. X'taħseb li kien jikteb f'jum minn tal-gwerra meta jisma' s-sirena, imur jiġri fix-xelter u wara l-attakk joħroġ u jara l-ħerba u l-biki tan-nies? X'kien iħoss? X'kien jikteb?**

**RITRATTI MILL-IMGĦODDI – IL-ĦERBA**

Iddeskrivi x'qiegħed jiġri f'dawn ir-ritratti:



1. X'juri dan ir-ritratt?

______________________________________________

______________________________________________

2. X'wassal għal din il-ħerba sħiħa?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## RITRATTI MILL-IMGĦODDI – IL-BELT VALLETTA





1. Liema bini fil-Belt qegħdin juru dawn ir-ritratti?

   ________________

   ________________

2. Qabbel ir-ritratti u għid għaliex il-gwerra hi qerda.

   ________________

   ________________

   ________________

   ________________

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________

**NITGĦALLMU MIR-RITRATTI – IL-KNISJA TAL-MOSTA**



1. Liema knisja magħrufa tidher fir-ritratt tal-lemin?

    ______________________________

2. Din il-knisja hija magħrufa bħala (l-Kbira, r-Rotunda, l-Pantheon).

3. X'taħseb li jidher fit-tieni ritratt?

    ______________________________

    ______________________________



4. X'taħseb li għandhom x'jaqsmu ż-żewġ ritratti ma' xulxin?

    ______________________________

    ______________________________

    ______________________________

    ______________________________

    ______________________________

5. Ikteb il-ħsibijiet tiegħek dwar il-gwerra meta tħares lejn żewġ ritratti bħal dawn.

    ______________________________________________________________

    ______________________________________________________________

    ______________________________________________________________

    ______________________________________________________________

    ______________________________________________________________

**NITGĦALLMU MIR-RITRATTI – IL-BERĠA TA' AUVERGNE**



**ritratt 1**



**ritratt 2**



**ritratt 3**

Dawn it-tliet ritratti juruna l-istess post kif inbidel matul iż-żmien. Ix-xena hija dejjem fil-belt Valletta. Fl-ewwel ritratt naraw il-Berġa ta' Auvergne kif inbniet mill-Kavallieri fil-Belt Valletta.

1. Liema ritratt taħseb li ġie meħud l-ewwel: 1, 2 jew 3? ______________________________
2. X'taħseb li qed tara fit-tieni ritratt?

   ______________________________________________________________

3. Illum, fl-istess post, naraw bini totalment differenti milli kien hemm qabel. Għal xiex iservi dan il-bini l-ġdid illum?

   ______________________________________________________________

4. Ikteb ħsieb li jiġik f'moħħok meta tħares lejn it-tliet ritratti:

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

# L-ARTI TIEGĦEK HI TALENT



**Pinġi! F'dan l-inkwadru ta' mħabba u paċi, tista' tpinġi xi ħaġa li inti l-aktar li laqtitek f'dan it-topik dwar Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija.**